MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 79 (KONTINWAZZJONI)

22 ta' Jannar 2013

Minuti tat-Tieni Parti tas-Seduta Nru. 79 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar 2013.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha, minbarra s-Sindku R. Cutajar li kien imsiefer u l-Kunsillier C. Bartolo li kien skużat minħabba inpenn ieħor. Din il-parti tas-seduta tmexxiet mill-Viċi Sindku E. Bartolo.

## TALBA

It-talba ntqalet mill-Viċi Sindku.

**KONDOLJANZI**

Il-Viċi Sindku aċċenna għall-mewt tas-Sindku ta' Agia Napa (Ċipru), Is-Sur Antonis Tsokkos li ġrat allarieda nhar il-Tnejn 21 ta' Jannar 2013. Huwa fakkar li s-Sindku Tsokkos kien strumentali biex seħħ il-ġemellaġġ bejn il-Mellieħa u Agia Napa, u li permezz tiegħu kien hemm diversi skambji kulturali. Is-Sur E. Bartolo għarraf ukoll li s-Sindku R. Cutajar kien ħalla Malta biex jattendi għall-funeral tiegħu.

Ġiet osservata minuta silenzju.

## 1.0. Minuti

1.1. Id-diskussjoni fuq il-minuti tal-ewwel parti tas-seduta tħallew sabiex jiġu approvati f'dik li jmiss.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

2.1. Ma tqajjmu ebda materji mill-minuti tal-ewwel parti tas-seduta, billi kienu għadhom ma ġewx preżentati.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Lista ta' nomini għall-onorefiċenzi mressqa lill-Kunsill bejn l-2000 u l-2013*;
- *Persuni li ngħataw onorefiċenzi mill-Kunsill bejn l-2000 u l-2012;*
- Minuti tad-*Tender Adjudication Board* – 18/01/13

## 4.0. Korrispondenza

4.1. Ma nqrat ebda korrispondenza fit-tieni parti tas-seduta

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ma tressqet ebda *Purchase Request Form* waqt it-tieni parti tas-seduta

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ma tressqux Skedi ta' Pagamenti waqt it-tieni parti tas-seduta.

## 7.1. Nomini għall-onorefiċenzi mogħtija mill-Kunsill (A/5/3/1/Vol XII)

7.2. Is-Segretarju ressaq skeda ta' nomini ġodda li daħlu sad-data ta' egħluq fis-16 ta' Jannar 2013, kif ukoll oħrajn illi għadhom eliġibbli, iżda li ġew sottomessi fi snin preċedenti. Il-Kunsill ġie mfakkar li minnha nqatgħu persuni li mietu, kif ukoll oħrajn li ngħataw onorefiċenza tal-Ġieħ f'edizzjonijiet preċedenti. Persuni li ngħataw l-onorefiċenza ta' Rikonoxximent tħallew, peress li jistgħu jiġu kkunsidrati għal dik tal-Ġieħ.

7.3. Il-Kunsill qabel illi l-onorefiċenzi jingħataw fl-2013 għandhom jinvolvu persuni li kisbu suċċess personali fil-karriera tagħhom, kif ukoll fl-oqsma mużikali u dak tal-volontarjat.

7.4. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu, fost il-kunsillieri preżenti, fuq numru ta' persuni u għalhekk il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier J. Buttiegieg, li kienet tgħid kif ġej:

***"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu ddistingwew ruħhom b'eċċellenza f'xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor jew għollew l-isem tal-lokalita`;***

***Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skont il-kriterji stabbiliti, illi ġejjin minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fis-16 ta' Jannar 2013, liema nominazzjonijiet ġew evalwati sabiex jiġu stabbiliti l-merti tagħhom; u***

***Billi l-kriterju dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxi li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda, filwaqt li l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/ jew organizzazzjonijiet;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenza "Ġieħ il-Mellieħa" għandha tingħata lil:***

- ***L-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina,***

***filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa" għandhom ikunu:***

- *Is-Sur Andrew Farrugia – Suċċess personali fil-qasam kulinarju*
- *Is-Sur Anthony Saliba – Qasam tal-volontarjat; u*
- *Aronne Sultana – Qasam mużikali*

***Il-Kunsill jirriżolvi wkoll illi l-memento, medalji u l-insinji, flimkien mad-dokumenti relattivi, għandhom jiġu ppreżentati waqt serata organizzata apposta nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Frar 2013.".***

## 8.1. Sejħa 21/2012 – Rinovar tal-Fond sabiex jintuża bħala Estensjoni għall-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill (K/1/2/Vol V)

8.2. Is-Segretarju ressaq il-minuti tat -*Tender Adjudication Board* tas-7 u t-18 ta' Jannar 2013, liema dokumenti ġew mgħoddija lill-Kunsillieri kollha qabel is-seduta.

8.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo spjega l-proċess li ġie segwit mill-Board, partikularment f'dak li jirrigwarda l-kampjuni u d-dettalji tekniċi li ġew mitluba jissottomettu l-offerenti kollha. Minn evalwazzjoni tagħhom irriżulta li l-offerent Salamanda Ltd issottometta kampjuni li għandhom speċifikazzjoni bħal tal-offerenti oħra u f'ċerti każi anke aħjar, minkejja li kkwotaw l-inqas prezz.

8.4. Is-Sur E. Bartolo aċċenna wkoll li l-Bord huwa favur l-ideja li l-aperturi tal-aluminju jkunu *double glazed*, filwaqt li l-għamara tal-kċina tkun magħmula mill-postform minflok injam solidu tal-*pine*.

8.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li x-xogħol irid jitwettaq skont il-permess maħruġ mill-MEPA – PA 1872/11 – sa tnax-il ġimgħa wara li tinħareġ l-ittra sabiex jibda x-xogħol.

8.6. Il-Kunsill iddeċieda unanimament li għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent Salamanda Ltd.

## AĠĠORNAMENT

Is-Seduta spiċċat fit-8.00pm u ġiet aġġornata għal nhar t-Tlieta 12 ta' Frar 2013 fis-7.00pm

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |